In this regard a number of establishments (hotels, aparthotels, guesthouses, etc…) are invited to participate in this project by allocating designated areas within their establishment to be better equipped to meet the specific needs of travelling cyclists visiting the Maltese Islands. Interested parties are to request further details on this initiative by Thursday 3rd May from Ms Suzanne Cassar Dimech on (suzanne.dimech@visitmalta.com) or Ms Janet Grech on (janet.grech@visitmalta.com).

20th April, 2012



Programm Italja-Malta – Politika ta' Koeżjoni 2007 - 2013
Italja-Malta: Bosta opportunitajiet għall-futur
Avviż parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FEŻR), Italja-Malta 2007-2013 OP
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



Italy-Malta Programme – Cohesion Policy 2007 - 2013
Italy-Malta: A sea of opportunities for the future
Advert part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF), Italy-Malta 2007-2013 OP
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf illi sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Mejju, 2012, jintlaqgħu offerti għal:-

Avviż Nru. KMS/TEN/014/2012. Provvista u installazzjoni ta' *light fixtures* u servizzi tal-elettriku għall-*playing field* ta' Ħal Qormi.

Id-dokumenti tal-offerti u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-*Accounts* tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Vjal Kottoner, Bormla BML 9020, bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m. u s-1.30 p.m. u l-4.00 p.m.

Dan id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jitniżżlu wkoll mill-*website* tal-KMS: (www.sportmalta.org.mt).

L-20 ta' April, 2012

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport notifies that offers will be received up to noon on Friday, 4th May, 2012, for:-

Advt. No. KMS/TEN/014/2012. Supply and installation of light fixtures and electrical services at the Qormi playing field.

Tender documents and conditions can be collected from the Accounts Office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottoner Avenue, Cospicua BML 9020, between 8.00 a.m. and 12.30 p.m. and 1.30 p.m. and 4.00 p.m.

This tender is free of charge.

Tender document can also be downloaded from KMS website on: (www.sportmalta.org.mt).

20th April, 2012

KUNSILL LOKALI IL-GŻIRA

Il-Kunsill Lokali Il-Gżira jgħarraf illi:-

Sa nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Mejju 2012, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin li għandhom jittieħdu personalment u depożitati fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Il-Gżira, 283/1, Rue D'Argens, Il-Gżira, għal:-

Kwot Nru. GLCQ 004/2012. Provvista ta' żewġ (2) *mobile toilets* li għandhom jitqiegħdu fuq il-*promenade,* Ix-Xatt, Il-Gżira għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru 2012, b'possibbiltà li tiġi estiża għal xahar ieħor.

Il-prezz għandu jinkludi l-VAT għal kull *unit* kull ġurnata, il-konsenja, tindif u *toiletries*.

Kwotazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Kunsill Lokali Il-Gżira matul il-ħinijiet normali tal-uffiċċju. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża. Sottomissjonijiet li jaslu tard jew kwotazzjonijiet li ma jkunux skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba ma jiġux ikkunsidrati.

L-20 ta' April, 2012

GŻIRA LOCAL COUNCIL

The Gżira Local Council notifies that:-

Sealed quotations are to be hand delivered and deposited in the tender box at the Administrative Office, Gżira Local Council, 283/1, Rue D'Argens, Gżira by not later than Wednesday, 2nd May 2012, for:-

Quot. No. GLCQ 004/2012. Supply of two (2) mobile toilets to be placed on the promenade, The Strand, Gżira for a period commencing on 1st June up to 30th September 2012, with a possibility of an extension for another month.

Price is to include VAT per unit per day, delivery, cleaning and toiletries.

Quotations received late will not be considered

Further information can be obtained from the Gżira Local Council during normal office working hours. The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer. Late submissions or quotations not meeting the specifications will not be considered.

20th April, 2012

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf illi:-

Avviż Nru: T-01/12-24. Kisi ta' toroq taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.

Għandu jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerta li kellha d-data tal-għeluq nhar l-Erbgħa, il-11 ta' April 2012, ġiet estiża għal perjodu itwal u għalhekk l-offerti magħluqin se jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur sal-4.30 p.m. ta' nhar il-Ħamis, l-24 ta' Mejju 2012.

Id-dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fil-ħin u d-data tal-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-20 ta' April, 2012

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of the Ħal Għargħur Local Council notifies that:-

Advt. No. T-01/12-24. Resurfacing of roads under the Public Private Partnership Scheme.

A fee of €100 is to be paid for each copy of tender document.

The tender with closing date on Wednesday, 11th April 2012 has now been extended for a further period and therefore sealed tenders will be received at the Ħal Għargħur Local Council's office up to 4.30 p.m. on Thursday, 24th May 2012.

Relevant documents may be collected from the Council's Administrative Office, during office hours. Tenders will be opened in public on the time and closing date.

The Council reserves the right to refuse all tenders, even the most advantageous.

20th April, 2012

KUNSILL LOKALI ĦAL KIRKOP

Kwotazzjonijiet

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' April, 2012 fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali, Triq il-Barrieri, Ħal Kirkop, jintlaqgħu kwotazzjonijiet għal:-

Kwot. Nru. Quot25/12. Żewġ (2) sistemi ta' *sound* għall-attività Irkotta Fest 2012.

Kwot. Nru. Quot26/12. Ġeneratur u sistema ta' dawl għall-attività Irkotta Fest 2012.

Aktar tagħrif jinkiseb mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq: 2168 0099.

L-20 ta' April, 2012

ĦAL KIRKOP LOCAL COUNCIL

Quotations

The Ħal Kirkop Local Council notifies that:-

Quotations will be received at the Local Council's Administrative Offices, Triq il-Barrieri, Ħal Kirkop, up to noon on Friday, 27th April, 2012 for:-

Quot. No. Quot25/12. Two (2) sound systems for the Irkotta Fest 2012 Activity.

Quot. No. Quot26/12. Generator and light system for the Irkotta Fest 2012 Activity.

Further details can be obtained from the Executive Secretary on: 2168 0099.

20th April, 2012

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Mejju 2012 fil-kaxxa pprovduta apposta għall-kwotazzjonijiet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. SPBLCQ – 3-2012. Servizz ta' *Instructors* biex imexxu korsijiet ta' *aerobics, pilates, zumba,* għawm għat-tfal u *aqua aerobics*.

Kwot. Nru. SPBLCQ – 4-2012. Xogħlijiet ta' tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ, tneħħija, rinfurzar u rbit ta' blat u ġebel fit-Telgħa tal-Wardija.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Mejju 2012 fil-kaxxa pprovduta apposta tal-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. SPBLC – 04-2012. Xogħol ta' tqaxxir ta' asfalt u kisi mill-ġdid bl-asfalt ta' Triq San Ġorġ.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received in the appropriate quotation box at the Council's Administrative Office up to noon on Friday, 4th May 2012, for:-

Quot. No. SPBLCQ - 3-2012. Service of Instructors to hold courses of aerobics, pilates, zumba, swimming for kids and aqua aerobics.

Quot. No. SPBLCQ - 4-2012. Rebuilding of rubble walls, removal, bolting and stabilisation of rocks and stones at Wardija Hill.

Quotation documents may be obtained from the San Pawl il-Baħar Local Council's Administrative Office.

Sealed tenders will be received in the appropriate tender box at the Council's Administrative Office up to noon on Friday, 25th May 2012, for:-

Advt. No. SPBLC – 04-2012. Scarifying and resurfacing works at Triq San Ġorġ.

A fee of €25 will be charged for each copy of tender document.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar minn nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' April 2012.

Sa nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Mejju 2012 jintlaqgħu Espressjonijiet ta' Interess għal:-

SPBLC-EXP 01-2012 - Espressjoni ta' Interess. Organizzatur ta' attività tal-Karnival Marittimu tas-Sajf fuq *floats* f'San Pawl il-Baħar fis-Sajf.

Għal dan il-għan il-Kunsill Lokali qed jistieden kumpaniji, u/jew individwi oħra biex jissottomettu espressjoni ta' interess għal dan is-servizz.

L-Espressjonijiet ta' Interess għandhom jintbagħtu ġo envelop magħluq u mmarkat 'Kunfidenzjali – Espressjoni ta' Interess, Karnival tas-Sajf' il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar SPB 3411 sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, il-25 ta Mejju 2012. Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-Kunsill permezz tat-telefon: 2158 5888 jew bl-*email*: (sanpawlil-bahar.lc@gov.mt).

Il-Kunsill Lokali jżomm d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar kwotazzjoni, offerta u espressjoni ta' interess vantaġġuża.

L-20 ta' April, 2012

KUNSILL LOKALI KALKARA

Il-Kunsill Lokali Kalkara jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar is-Sibt, it-28 ta' April 2012, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 1/2012. Ġbir ta' skart goff fil-lokalità tal-Kalkara.

Għandu jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 2/2011. Knis u tindif ta' toroq għal-lokalità tal-Kalkara.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Aktar dettalji jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv Ms Sharon Galea Iriele fuq: 2166 5500 matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-20 ta' April, 2012

Tender documents may be obtained from the San Pawl il-Baħar Local Council's Administrative Office as from Friday 27th April 2012.

Expressions of Interest will be received up to Friday, 25th May 2012, for:-

SPBLC-EXP 01-2012 - Expression of Interest. An organizer to hold a Marine Summer Carnival on floats at San Pawl il-Baħar.

Companies and other individuals are hereby being invited to express their interest for the above service.

The Expressions of Interest should be sent to the San Pawl il-Baħar Local Council, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar SPB 3411 in a sealed envelope marked 'Confidential – Expression of Interest Summer Carnival' by not later than Friday 25th May 2012. Further information may be obtained from the Council's secretariat on 2158 5888 or via email at: (sanpawlil-bahar.lc@gov.mt).

The Council reserves the right to reject even the most advantageous quotation, offer and expression of interest.

20th April, 2012

KALKARA LOCAL COUNCIL

The Kalkara Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon on Saturday, 28th April 2012, at the Council's Adminstrative Office for:-

Advt. No. 1/2012. Bulky refuse collection for the locality of Kalkara.

A fee of €25.00 will be charged for every copy of tender document.

Advt. No. 2/2012. Street sweeping and cleaning for the locality of Kalkara.

A fee of €50.00 will be charged for every copy of tender document.

Further details are obtained from the Executive Secretary Ms Sharon Galea Iriele on: 2166 5500 during office hours.

20th April, 2012

AVVIŻI TAL-QORTI - *COURT NOTICES*

682

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Novembru 2011, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3181/11, fl-ismijiet Charles Pace et vs Philip Chircop, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Philip Chircop ta' Casa Travonne, Triq il-Maddalena, Dingli, fl-14 ta' Settembru 2011, Charles Pace (K.I. 398852M) u Mosta Auto Dealers Limited (C3923) ta' Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, jinterpellawkom sabiex fi żmien għoxrin (20) ġurnata tħallas is-somma ta' €1,171.84 import ta' għoxrin (20) kambjala li mmaturaw flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

Għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi l-mittenti jgħarrfuk li skont l-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek dritt fi zmien għoxrin (20) ġurnata tan-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju, topponi l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, jekk inti ssostni illi l-firma fuqhom ma tkunx tiegħek jew fejn tressaq raġunijiet gravi u validi biex topponi din l-eżekuzzjoni.

Fin-nuqqas il-mittenti ser ikunu kostretti jieħdu passi ulterjuri kontra tagħkom mingħajr avviż ieħor, inkluż li jitolbu l-ħruġ tal-mandati eżekuttivi opportuni u anke proċeduri ta' subbasta. Dan ifisser ħafna iktar spejjeż żejda għalik.

Jekk ma tagħtix tweġiba fi żmien għoxrin (20) jum minn meta tiġi notifikat b'din l-ittra uffiċjali billi tippreżenta nota fl-atti tagħha li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-Qorti mid-debitur/i stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv kontra tiegħek.

Dan l-att ġudizzjarju qiegħed jiġi ppreżentat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi fosthom l-Artikolu 253 (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili għal skop ta' eżekuzzjoni ta' għoxrin kambjala (20) annessi (Dok A-G) li skont il-liġi jikkostitwixxu titolu eżekuttiv.

Tant sabiex tagħraf tidderiġi ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data li mmaturat kull waħda mill-kambjali.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 13 ta' April 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the Court of Magistrates (Malta) handed down on the 4th Novembru 2011, in the records of the judicial letter number 3181/11, in the names Charles Pace et vs Philip Chircop, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 14th September 2011 against Philip Chircop of Casa Travonne, Triq il-Maddlena, Dingli, Charles Pace (I.D. 398852M) and Mosta Auto Dealers Limited (C3923) of Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, call upon you so that within twenty (20) days you pay the sum of €1,171.84, which sum represents amounts due in terms of twenty (20) bills of exchange that have matured together with the interest and costs.

For all effects and purposes of Law the interpellant warns you that according to article 253 of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right to oppose the execution of these bills of exchange within twenty (20) days from the service of this act, if you submit that the signature on these bills is not yours or if you put forward grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange.

In default the interpellant will not have any other option but to take further action against you without further notice, including the request for the issue of the relevant executive warrants and procedures for the sale by auction. This would entail more unnecessary costs for you.

If you do not reply within twenty (20) days from the service of this judicial letter by presenting a note in the acts of the same letter whereby you reject this claim and which note can be signed and filed in Court by the debtor without the need of a signature of a Lawyer or a Legal Procurator, this judicial letter will costitute executive title against you.

This judicial act is being presented for all effects and purposes of law including Article 253 (e) of the Code of Organisation and Civil Procedure and for the execution of the twenty (20) bills of exchange attached (Doc A-G) that according to law have an executive title.

So much for your own guidance.

With costs and interest from the date of expiry of each bill of exchange.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 13th April 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

683

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-21 ta' Frar 2012, Rikors Numru 121/2012, minn Catherine Tabone, Theresa Bajada bint Francesco Spiteri u Giovanna xebba Camilleri imwielda Valletta fit-28 ta' Diċembru 1936 u li għandha l-karta tal-identità numru 21737(M) ġiet INTERDETTA permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Marzu 2012.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)

Illum 13 ta' April 2012

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 21st February 2012, Application number 121/2012 by Catherine Tabone, Theresa Bajada daughter of Francesco Spiteri and Giovanna nee Camilleri born in Valletta on the 28th December 1936 holding identity card number 21737(M) was INTERDICTED by means of a decree given on the 30th March 2012.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 13th April 2012

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

684

B'digriet mogħi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Frar 2012, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Camilleri Hubert vs JAJ Company Ltd C 22257, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Hubert Camilleri (K.I. 87666M) vs JAJ Company Limited (C 22257) fit-3 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrenti Hubert Camileri K.I. 87666M, talab is-soċjetà konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta JAJ Company Limited (C 22257) hija debitri tal-attur Hubert Camilleri fis-somma ta' (€63,400) liema somma tirrappreżenta self brevi manu magħmul mill-attur lill-istess soċjetà intimata nhar it-3 ta' Diċembru 2010, flimkien ma' somma ulterjuri rappreżentanti l-imgħax legali, bl-ogħla rata skont il-liġi, dekorribbili sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-imgħax legali kif mitlub ...omissis… kontra s-soċjetà konvenuta inġunta in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Camilleri Hubert vs JAJ Company Ltd C 22257, rikors numru 950/2011 SM, jinsab differit għas-smigħ għat-3 ta' Mejju 2012, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' April 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 2nd February 2012, in the records of the Sworn Application, in the names Camilleri Hubert vs JAJ Company Limited C 22257, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent company, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Hubert Camilleri (I.D. 87666M) vs JAJ Company Limited (C 22257) on the 3rd October 2011, the applicant Hubert Camilleri I.D. 87666M, asked the defendant company to state why this Honourable Court should not:

1. Declare that the defendant company JAJ Company Limited (C 22257) is a debtor of the plainiff Hubert Camilleri, in the sum of (€63,400) which sum represents loan brevi manu made by the plaintiff to the same respondent company on the 3rd December 2010, together with a further sum representing legal interest at the higher rate according to law, to run till the date of effective payment.

With legal interest as demanded ...omissis... against the defendant company summoned so that a reference to its evidence be made.

The Sworn Application in the names Camilleri Hubert vs JAJ Company Ltd C 22257, application number 950/2011 SM, has been put off for hearing to the 3rd May 2012, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th April 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

685

B'digriet mogħi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-22 ta' Marzu 2012, fl-atti tar-rikors Ġuramentat fl-ismijiet Blue Media Marketing Limited C 39186 vs Friends For Entertainment Limited C 37788, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Blue Media Marketing Limited (C 39186) vs Friends For Entertainment Limited (C 37788) fil-15 ta' Diċembru 2011, is-soċjetà rikorrenti Blue Media Marketing Limited (C 39186) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 et tal-Kap. 12, u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' (€18,072.68) rappreżentanti ammont dovut għall-servizzi reżi mis-soċjetà attriċi, skont l-annessi dokumenti markati Dok A sa Dok S.

Bl-ispejjeż ...omissis... bl-imgħaxijiet mid-data tal-istess fatturi, kontra s-soċjetà konvenuta, li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Blue Media Marketing Limited; Corporate House, St. Luke's Road, Pietà.

Notifika: Friends For Entertainment Limited: Vanguard Hse, Luqa Briffa Street, Gżira jew 67, 'Shamrock', Triq iż-Żraġen, Attard.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Blue Media Marketing Limited C 39186 vs Friends For Entertainment Limited C 37788, jinsab differit għas-smigħ għall-Ħamis, l-10 ta' Mejju 2012, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' April 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 22nd March 2012, in the records of the Sworn Application, in the names Blue Media Marketing Limited C 39186 vs Friends For Entertainment Limited C 37788, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Blue Media Marketing Limited (C 39186) vs Friends For Entertainment Limited (C 37788) on the 15th December 2011, the applicant companty Blue Media Marketing Limited (C 39186) asked this Honourable Court:

1. To decide this application without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et of Cap. 12 and condemn the defendant company to pay the plaintiff company the sum of (€18,072.68) representing amount due for services rendered by the plaintiff company, according to the attached documents marked Doc A to Doc S.

With costs ...omissis... and interests from the date of the same invoices, against the defendant company, which is from now summoned so that a reference to io its evidence be made.

Applicant: Blue Media Marketing Limited; Corporate House, St. Luke's Road, Pietà.

Service: Friends For Entertainment Limited: Vanguard Hse, Luqa Briffa Street, Gżira or 67, 'Shamrock', Triq iż-Żraġen, Attard.

The Sworn Application in the names Blue Media Marketing Limited C39186 vs Friends For Entertainment Limited C 37788, has been put off for hearing to Thursday 10th May 2012, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th April 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

686

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-13 ta' April 2012, fuq rikors ta' GRECH PIERRE ET ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 7 ta' Mejju, 2012 f'nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'62, GARAXX 2, TRIQ TUMAS FENECH, BIRKIRKARA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SAVERY GAETANO MARK ET.

Ġojjellerija, arloġġi, għamara, xkaffar u oġġetti oħra.

N.B. Dawn l-oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 1/10.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 16 ta' April, 2012.

KEVIN CARUANA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 13th April 2012, on the application of GRECH PIERRE ET, Monday 7th May 2012 at twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 62, GARAGE 2, TRIQ TUMAS FENECH, BIRKIRKARA of the following items seized from the property of SAVERY GAETANO MARK ET.

Jewellery, watches, furniture, shelving, and other objects.

N.B. These objects will be sold as described in the acts of file number 1/10.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 16th April, 2012.

KEVIN CARUANA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

687

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fl-20 ta' Frar 2012, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta PLC ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 12 ta' Ġunju, 2012 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Razzett 'Ring Leader', bl-aċċessorji tiegħu u l-art ta' madwaru magħruf bħala 'Tal-Ħakem sive 'Ta' Kola tal-Bagħli', fl-inħawi Ta' Ballura, Ħad-Dingli ta' kejl superfiċjali komplessiv ta' ċirka ħamest'elef u tletin metru kwadru (5,030mk), b'faċċata fuq it-triq magħrufa bħala Triq Tal-Konfettier, Ħad-Dingli, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa €3,680,410.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' A. Vassallo et.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-19 ta' Ottubru 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' April 2012.

KEVIN CARUANA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 20th February 2012, on the application of HSBC Bank Malta PLC, Tuesday 12th June 2012 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held IN THE CORRIDORS OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA, of the following property.

Farm named 'Ring Leader', with its accessories and surrounding land known as 'Tal-Ħakem sive 'Ta' Kola tal-Bagħli', in the limits of Ta' Ballura, Dingli, measuring approximately five thousand and thirty meters squared (5,030ms), with its façade on the street known as Triq Tal-Konfettier, Dingli, free and unencumbered, with all its rights and enjoyments, valued at €3,680,410.

The said tenement is the property of A. Vassallo et.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Paul Micallef on the 19th October 2006.

Registry of the Superior Courts, this 16th April 2012.

KEVIN CARUANA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

688

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Frar 2012 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Lombard Bank Malta plc (C-1607) ta' 67, Republic Street, Valletta, ippreżentaw Talba fl-20 ta' Jannar 2012 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Mega Properties Limited (C 37442) ta' 5, Flat 2, Merchants Street, Valletta, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €9,682.90 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviż Nru. 28/12FDP) hija differita għall-11 ta' Mejju 2012 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 16 ta' April 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 27th February 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Lombard Bank Malta plc (C1607) of 67, Republic Street, Valletta, filed a Claim on the 20th January 2012, whereby they asked the Court to condemn Mega Properties Limited (C 37442) of 5, Flat 2, Merchants Street, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of €9,682.90 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 28/12FDP) is put off to the 11th May 2012 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th April 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

689

Permezz ta' digriet mogħti fil-24 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3031/11, fl-ismijiet MiddleSea Insurance plc vs Charles Frederick Baker, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Charles Frederick Baker ta' 45, Triq ta' fuq il-Widien, Mellieħa, fil-25 ta' Awwissu 2011, Middlesea Insurance plc (C5553) ta' Middlesea House, Floriana kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Dr Michael Balzan u l-istess Dr Michael Balzan ta' 4, Triq Wignacourt, Marsaskala, jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar it-22 ta' Diċembru 2010 fil-parking area tal-Hilton, Portomaso, f'liema inċident inti, filwaqt illi kont issuq il-vettura tal-għamla Kia Sorento bin-numru tar-reġistrazzjoni Pacenzja bqajt dieħel għal fuq il-vettura tal-għamla Subaru Impreza bin-numru ta' reġistrazzjoni MDB 489 proprjetà tal-mittenti Dr Michael Balzan, liema kolliżjoni ġiet irrekordjata fuq footage meħud mis-CCTV cameras tal-istess parking area tal-Hilton.

Peress li dan l-inċident seħħ minħabba negliġenza, imperizja u traskuraġni da parti tiegħek, inti interpellat sabiex mingħajr dewmien teffettwa l-ħlas tad-danni sofferti mill-mittenti fl-ammont ta' €658.34.

By means of a decree given on the 24th October 2012, in the records of the judicial letter number 3031/11, in the names Middlesea Insurance plc vs Charles Frederick Baker the Courts of Magistrates (Malta), ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Charles Frederick Baker of 45, Triq ta' fuq il-Widien, Mellieħa, on the 25th August 2011, Middle Sea Insurance plc (C5553) of Middlesea House, Floriana as subrogated in the rights of its insured Dr Michael Balzan and the same Dr Michael Balzan of 4, Triq Wignacourt, Marsaskala, make reference to the car accident that occured on the 22nd December 2010 in the parking area of the Hilton Portomaso, in which accident whilst you were driving the vechile Kia Sorento with registration Pacenzja, collided in the vehicle Subaru Impreza with registration number MDB 489 property of Dr Michael Balzan, which accident was recorded on the CCTV footage of the same Hilton parking area.

This accident happened as a result of negligence, inattention and carelessness on your part, you are hereby called so that without delay you pay the damages suffered by the interpellant in the ammount of €658.34.

Fin-nuqqas li jiġi effettwat dan il-ħlas, il-mittenti se jipproċedu ulterjorment kontra tiegħek mingħajr preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 16 ta' April 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

If you fail to effect this payment, the interpellant will proceed against you without further notice.

So much so that you may know how regulate yourself.

With costs and legal interest.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 16th April 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

690

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2012, ordnat il-korrezzjoni tal-Att ta' Mewt ta' Maria Saliba li jġib in-numru 209 tas-sena 2011 fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-ġenituri, jekk hux ħajjin jew mejtin' il-kliem "Giovanna Saliba neé Cassar (DEAD)" għandhom jiġu kkanċellati u sostitwiti bil-kelmiet "Giovanna Saliba neé Caruana (DEAD)".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili
Illum, nhar il-Ħamis, 15 ta' Marzu, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.,
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 15th March, 2012, ordered the correction of the Act of Death of Maria Saliba bearing number 209 of the year 2011, in the sense that in the column entitled "Name and Surname of parents, and whether living or dead" the words "Giovanna Saliba neé Cassar (DEAD)" are cancelled and substituted with the words "Giovanna Saliba neé Caruana (DEAD)".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Thursday 15th day of March, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.,
F/Registrar Court of Revision of Notarial Acts

691

B'żewġ digrieti mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 2012 u ieħor tat-30 Marzu 2012, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Farrugia Raymond et vs IP Investments Limited et, Rikors Numru 99/2012 AF, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati IP Investors Limited (C 41871) u Aaron Galea 472880M, f'ismu propio, a tenur tal-Artikolu 187(3) Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Raymond Farrugia (K.I. 0631858M) Ruth Farrugia (K.I. 0234063M) Annette Emanuelle Bezzina (K.I. Numru 48295M) Christopher Bezzina (K.I. Numru 578274M) Carmen Debattista (K.I. Numru 0400761M) Vincent Debattista (K.I. Numru 0576159M) Antoinette Farrugia (K.I. 0068567 M) vs IP Investors Limited (C 41871) u Aaron Galea 472880M) f'ismu proprio, fl-1 ta' Frar 2012, ir-rikorrenti talbu l-intimati għaliex dispensat is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

By means of two decree given by the First Hall Civil Court, on the 27th February 2012 and another on the 30th March 2012, in the records of the Sworn Application in the names Farrugia Raymond et vs IP Investments Limited et, Application number 99/2012 AF, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents IP Investors Limited (C 41871) and Aaron Galea 472880M, in his own name, in terms of Article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Raymond Farruguia (I.D. 0631858M) Ruth Farrugia (I.D. 0234063M) Annette Emanuelle Bezzina (ID Number 48295M) Christopher Bezzina (I.D. Number 578274M) Carmen Debattista (I.D. Number 0400761M) Vincent Debattista (I.D. Number 0576159M) Antoinette Farrugia (ID 0068567M) vs IP Investors Limited (C 41871) and Aaron Galea 472880M) in his own name, on the 1st February 2012, the applicants asked the respondents, why without proceeding to a hearing of the cause in terms of Article 167 et seq. of Cap. 12 of the Laws of Malta, this Honourable Court should not:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti huma kredituri tal-intimati solidalment jew minn minnhom fis-somma ta' €111,809.92 oltre imgħax skont il-liġi, mid-data tal-iffirmar tal-kuntratti relattivi mar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż.

Rikorrenti: 50, Bonheur, Triq San Xmun, Fgura.

Intimati: IP Investors Ltd, 247, Sanctuary Street, Żabbar.
Aaron Galea, 4, Polmar, Triq Santa Tereża, Żabbar.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Farrugia Raymond et vs IP Investments Limited et, rikors numru 99/2012 AF, jinsab differit għas-smigħ għas-16 ta' Mejju 2012, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta'April 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Declare that the applicants are the creditors of the respondents in solidum or either of whom in the sum of €111,809.92, besides interest according to law, from the date of the signing of the relative contracts with the applicants.

With costs.

Applicants: 50, Bonheur, Triq San Xmun, Fgura.

Respondents: IP Investors Ltd, 247, Sanctuary Street, Zabbar.
Aaron Galea, 4, Polmar, Triq Santa Tereża, Żabbar.

The Sworn Application in the names Farrugia Raymond et vs IP Investments Limited et, application number 99/2012 AF, has been put off for hearing to the 16th May 2012, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th April 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

692

B'digriet tal-15 ta' Marzu 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-15 ta' Marzu 2012, fuq talba tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta AL RYADA MARITIME COMPANY FOR SHIPPING AGENCY A/C NORTH AFRICA SHIPPING fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 274/2012 MCH, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe vs Kuraturi Deputati et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2012 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' DREAM PROPERTY GMBH u ta' DREAM MULTIMEDIA GMBH, żewġ kumpanniji esteri reġistrati fil-Ġermanja u li t-tnejn għandhom indirizz ta' Pierbusch 26, D-44536 Lünen, il-Ġermanja vs (1) kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO. LTD., entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta'

By means of a decree of the 15th March 2012, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 15th March 2012, following a request of Advocate Doctor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the defendant AL RYADA MARITIME COMPANY FOR SHIPPING AGENCY A/C NORTH AFRICA SHIPPING in the records of the Sworn Application number 274/2012 MCH, in the names Advocate Doctor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe vs Deputy Curators et and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed on the 13th March 2012 in the First Hall Civil Court in the names Advocate Doctor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., holder of identity card number 258269 letter "M", as special mandatary of DREAM PROPERTY GMBH and of DREAM MULTIMEDIA GMBH, two foreign companies registered in Germany and both having an adress of Pierbusch 26, D-44536 Lünen, Germany vs (1) deputy curators to represent NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO. LTD., a foreign entity with indication of an address of ROOM 2708, GOLD HOTEL,

ROOM 2708, GOLD HOTEL, SHENGHUA BLDG., 2098 SHENNAN EAST ROAD, LOUHU DISTRICT, SHENZHEN 518001, GUANGDONG PROVINCE, CHINA, u (2) kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil AL RYADA MARITIME COMPANY FOR SHIPPING AGENCY A/C NORTH AFRICA SHIPPING, entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' AL NASSER STREET, NEAR PROTOCOL DEPARTMENT TRIPOLI, LIBYA**, ir-rikorrenti Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, talab li għar-raġunijiet hemmhekk premessi din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'prodotti dwar id-dekodifikazzjoni, it-trasmissjoni u l-viżjoni ta' programmi televiżivi satellitarji, li kollha għandhom fuqhom trademarks "dreambox", kif ukoll "DREAM multimedia" jew "DREAM MULTIMEDIA", u jinsabu preżentement miżmuma taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container DFSU 2215104 kien jikkontjeni dawn l-istess oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetajiet attriċi stante li oġġetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetajiet attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-konvenuti u għas-spejjeż tagħhom;

3. Tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuti mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuti għandhom ibatu l-ispejjeż l-oħra kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, inklużi dawk tal-identifikazzjoni u tal-għadd tal-imsemmija oġġetti, tat-trasport tagħhom għall-lok tal-ħażna, tal-ħażna stess, tat-trasport mil-lok tal-ħażna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Attur: Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' DREAM PROPERTY GMBH u ta' DREAM MULTIMEDIA GMBH, żewġ kumpanniji esteri reġistrati fil-Ġermanja u li t-tnejn għandhom indirizz ta' Pierbusch 26, D-44536 Lünen, il-Ġermanja - 84, Triq Melita, Valletta, VLT 1120.

SHENGHUA BLDG., 2098 SHENNAN EAST ROAD, LOUHU DISTRICT, SHENZHEN 518001, GUANGDONG PROVINCE, CHINA, and (2) deputy curators to represent AL RYADA MARITIME COMPANY FOR SHIPPING AGENCY A/C NORTH AFRICA SHIPPING, a foreign entity with indication of an address of AL NASSER STREET, NEAR PROTOCOL DEPARTMENT TRIPOLI, LIBYA**, the applicant Advocate Doctor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. noe, asked that for the reasons therein premised this Honourable Court should:

1. To declare that the goods consisting of products for decodification, transmission and vision of satellite television programmes, all bearing trademarks "dreambox", as well as "DREAM multimedia" or "DREAM MULTIMEDIA", and are presently held under the authority of the Comptroller of Customs after he found that the container DFSU 2215104 contained these same objects, contravene the intellectual property rights of the plaintiff companies since they are counterfeit objects;

2. Order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the channels of commerce so as to preclude any damage to the plaintiff companies, or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to the defendants and at their expense;

3. Take or order the Comptroller of Customs to take regarding those objects, any other measure which shall have the effect of effectively depriving the defendants of the economic benefits of the transaction;

4. Order that the defendants are to bear all the other costs in connection with the measures ordered in terms of the second and third plaintiff prayers, including those for the identification and tallying of the mentioned objects, for their transport to the storage place, for the storage itself, for the transport from the storage place to the place of eventual destruction, and for the attendance during the destruction.

With costs against the defendants which are summoned as from now with reference to their oath.

List of witnesses.

List of Documents.

Plaintiff: Advocate Doctor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., holder of identity card number 258269 letter "M", as special mandatary of DREAM PROPERTY GMBH and of DREAM MULTIMEDIA GMBH, two foreign companies registered in Germany and both having an adress of Pierbusch 26, D-44536 Lünen, Germany – 84, Melita Street, Valletta, VLT 1120.

Konvenuti: (1) kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO., LTD., entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' ROOM 2708, GOLD HOTEL, SHENGHUA BLDG., 2098 SHENNAN EAST ROAD, LOUHU DISTRICT, SHENZHEN 518001, GUANGDONG PROVINCE, CHINA – Il-Qorti, Valletta (żewġ kopji); u,

(2) kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil AL RYADA MARITIME COMPANY FOR SHIPPING AGENCY A/C NORTH AFRICA SHIPPING, entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' AL NASSER STREET, NEAR PROTOCOL DEPARTMENT TRIPOLI, LIBYA** – Il-Qorti, Valletta (żewġ kopji).

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhiedha tal-Onor. Prim Imħallef Ġino Camilleri, LL.D.

Illum 15 ta' Marzu, 2012.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta'April, 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Defendants: (1) deputy curators to represent NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO., LTD., a foreign entity with indication of an address of ROOM 2708, GOLD HOTEL, SHENGHUA BLDG., 2098 SHENNAN EAST ROAD, LOUHU DISTRICT, SHENZHEN 518001, GUANGDONG PROVINCE, CHINA – Courts of Justice, Valletta (two copies); and,

(2) deputy curators to represent AL RYADA MARITIME COMPANY FOR SHIPPING AGENCY A/C NORTH AFRICA SHIPPING, a foreign entity with indication of an address of AL NASSER STREET, NEAR PROTOCOL DEPARTMENT TRIPOLI, LIBYA** – Courts of Justice, Valletta (two copies).

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a note to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Chief Justice Ġino Camilleri, LL.D.

Today 15th March, 2012.

Registry of the Superior Courts, today 16th April, 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

693

B'digriet tal-15 ta' Marzu 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-15 ta' Marzu 2012, fuq talba tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta NINGBO CHIAO

By means of a decree of the 15th March 2012, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 15th March 2012, following a request of Advocate Doctor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the defendant

FENG SHIPPING CO., LTD. fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 274/2012 MCH, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe vs Kuraturi Deputati et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2012 fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' DREAM PROPERTY GMBH u ta' DREAM MULTIMEDIA GMBH, żewġ kumpanniji esteri reġistrati fil-Ġermanja u li t-tnejn għandhom indirizz ta' Pierbusch 26, D-44536 Lünen, il-Ġermanja vs (1) kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO. LTD., entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' ROOM 2708, GOLD HOTEL, SHENGHUA BLDG., 2098 SHENNAN EAST ROAD, LOUHU DISTRICT, SHENZHEN 518001, GUANGDONG PROVINCE, CHINA, u (2) kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil AL RYADA MARITIME COMPANY FOR SHIPPING AGENCY A/C NORTH AFRICA SHIPPING, entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' AL NASSER STREET, NEAR PROTOCOL DEPARTMENT TRIPOLI, LIBYA**, ir-rikorrenti Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, talab li għar-raġunijiet hemmhekk premessi din l-Onorabbli Qorti:

